MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 859/2012

**L-Avukat Mark Refalo ghan-nom u**

**in rapprezentanza ta’ Bruno Lago**

**(Numru tal-Passport Taljan AA 2951054)**

**vs**

**European Insurance Group (C-35708)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti *nomine* datat it-28 t' Awwissu, 2012, li permezz tieghu espona sintetikament is-segwenti:

1.1 Illi l-imsemmi Bruno Lago kien impjegat tas-socjeta` intimata fil-kwalita` ta' *Chairman* u Direttur s' Awissu, 2010:

1.2 Illi fil-kwalita` ta' Direttur tal-imsemmija socjeta` intimata hu kien jircievi salarju ta' tletin elf Ewro, (€30,000.00), netti fis-sena, u dan, skont skrittura datata l-1 ta' Jannar, 2010 u skont l-FS3, (ara foll 4);

1.3 Illi wara r-rizenja tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` *de quo*, din zammet lir-rikorrenti bhala *Managing Director* ghall-perjodu ta' xahrejn (2);

1.4 Illi r-rikorrenti Lago ma thallasx l-ammonti lilhu dovuti mis-socjeta` intimata sa minn Gunju, 2010;

1.5 Illi l-ammont lilhu hekk minnha dovut ghall-impieg u servizzi rezi komplessivament jammonta ghal sitta u ghoxrin elf, sebgha mija erbgha u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu, (€26,774.21):

1.5.1. Kwantu ghall-€11,215.00 dovuti bhala salarju ghal tlett (3) xhur minn Gunju s'Awissu, 2010, dovuti lilhu bhala *Chairman* u Direttur;

1.5.2. Kwantu ghall-€14,954.00 dovuti ghal servizzi rezi mir-rikorrenti Lago bhala *Managing Director* bejn Settembru u Ottubru, 2010;

1.5.3. Kwantu ghall-€605.21 dovuti ghall-ispejjez minnu inkorsi fl-interess tas-socjeta` intimata bejn Gunju u Ottubru, 2010, u dan, a bazi ta' decizjoni tal-membri tas-socjeta` intimata datat t-13 ta' Mejju, 2010;

1.6 Illi nonostante li s-socjeta` intimata kienet debitament interpellata, din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi intavolata l-procedura odjerna;

1.7 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` twiegeb ghal-talbiet interposti u tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf, seba` mija erbgha u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu, (€26,774.21), flimkien ma' l-imghax legali skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament;

1.7.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-istralcjarju tas-socjeta` intimata datata l-15 t'Ottubru, 2012, li permezz taghha sintetikament espona is-segwenti:

2.1. Illi t-talba ghall-kundanna ghall-hlas hi imtempestiva stante li qed issir waqt li hemm process ta' stralc tas-socjeta` intimata;

2.2. Illi bla preguduzzju ghas-suespost is-socjeta` intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ir-rikorrenti ma talabx u ottjena l-premess ta' din il-qorti biex jistitwixxi din l-azzjoni *ai termini* tal-artiklu 224 (2) tal-Kap 386 li japplika ghas-socjeta` intimata *mutatis mutandis*;

2.3. Illi r-Registratur tal-Kumpaniji kien notifikat bir-rizenja tad-diretturi tas-socjeta` intimata;

2.4. Illi r-rikorrenti m'ghandux jithallas dak li qed jippretendi mis-socjeta` intimata;

2.5. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

2.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

2.7. Bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu halliet il-kawza ghall-provi tas-socjeta` intimata rigwardanti l-eccezzjoni preliminari, (ara foll 41);

4. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw l-eccezzjoni preliminari in dizamina bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 85);

5. Rat in-nota tar-rikorrenti *nomine* datata s-7 ta' Frar, 2014, (ara foll 90);

6. Rat in-nota ta' l-istralcjarju tas-socjeta` intimata datata t-28 ta' Frar, 2014, (ara foll 94);

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet rigwardanti l-eccezzjoni preliminari in dizamina;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hi sentenza parzjali ristretta ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` tramite l-istralcjarju minnha responsabbli;

11. Illi din l-eccezzjoni preliminari sintetikament tissolleva s-segwenti:

11.1. Illi t-talbiet rikorrenti huma intempestivi *stante* li qed isiru meta s-socjeta` intimata hi fi stat ta' stralc;

11.2. Illi a tenur ta' l-artiklu 224 (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-kawza ma tistax tkun intavolata;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari hekk sollevata jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi permezz tal-ittra datata d-29 ta' Settembru, 2011, mahruga mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, is-socjeta` intimata tpoggiet fi stat ta' stralc, (ara foll 26);

12.2. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hi regolata mill-proceduri rigwardanti dan l-istat partikolari kif elenkat fl-Att dwar il-Kampaniji, Kap 386 fuq gia` riferit;

12.3. Illi l-artiklu partikolari li jindirizza il-vertenza preliminari sollevata mill-istralcjarju tas-socjeta` intimata jirrizulta li hu dak sollevat mill-istess fir-risposta tieghu, senjatament l-artiklu 224 (2) tal-Kap indikat fil-paragrafu precedenti;

12.4. Illi l-imsemmi artiklu jistabilixxi sintetikament li:

> “Meta jkun sar ordni ghal stralc ... ma tista` tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi procedura kontra l-kumpanija jew il-proprjeta` taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht il-kondizzjonijiet li tista` timponi l-qorti”;

Ikkunsidrat:

13. Illi l-artiklu kwotat fil-paragrafu precedenti ghalhekk jiddetermina l-vertenza in dizamina;

14. Illi l-istess artiklu ghalhekk jiddetermina li bhala kondizzjoni *sive quo non*, meta f’kaz li kumpanija tkun fi stat ta’ stralc kif stabbilit fl-artiklu 228 tal-Kap 386 tal-istess Ligijiet fuq indikati, gie stabilit statutorjament li l-ordni pubbliku jirrikjedi li kwalunkwe azzjoni gudizzjarja kontra tali kumpanija tirrikjedi l-*fiat* preventiv jew l-awtorizzazzjoni specifika tal-qorti qabel ma tkun tista` tigi intavolata kwalunkwe azzjoni fir-rigward;

15. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-ordni logiku awtorizzat f'kazijiet bhal dan hu li l-ewwel ikun hemm l-istralc ta' kumpanija fejn kreditur l-ewwel jitlob li jkun awtorizzat minn qorti biex jagixxi kontra l-istess kumpanija in tutela tad-drittijiet tieghu u biss wara li jkun hekk debitament awtorizzat, ikun jista` jadixxi il-qorti biex jipprotegi l-interess tieghu;

16. Illi hi l-konsiderazzjoni ta' din il-qorti li tali salvagwardja hi kawtela necessitata mill-ordni pubbliku, li din il-qorti bl-ebda mod ma tista` tinjora;

17. Illi ghalhekk, li kreditur jadixxi lill-qorti qabel ma jkun hekk debitament awtorizzat, ikun qed jilledi l-artiklu 224 (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji u per konsegwenza, l-azzjoni minnhu intavolata mhux biss tkun illegittima, izda tkun ukoll illegali u konsegwentement inutili;

**DECIDE:**

18.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess din il-qorti takkolji l-eccezzjoni preliminari u:

18.1. Tiddijara li l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti *nomine* hi bi ksur tal-artiklu 224 (2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* li dan ma talabx u ottjena d-debita awotrizzazzjoni hemm espressivament rikjesta;

18.2. Illi ghaldaqstant, tillibera lis-socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju;

18.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------